MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2009

Numru. 356/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**KONTRA**

**ANTHONY MALLIA ta' 33 sena, iben Angelo u Philipps nee' Caruana, imwieled Tal-Pieta' nhar l-20 ta' Frar, 1975, residenti fil-fond numru 21, Triq il-Farfett, Marsa, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 113275M;**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ANTHONY MALLIA**, li gie akkuzat talli nhar it-28 ta' Novembru, 2003 u fil-hames snin ta' qabel, fil-fond numru 21, Triq il-Farfett, Marsa, bhala detentur tal-imsemmi fond jew bhala persuna li kellu f'idejh l-imsemmi fond, b'diversi atti maghmula fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess

disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Ikkommetta serq ta' kurrent tal-elettriku li jammonta ghal izjed minn Lm50.00 (hamsin lira Maltin) u anqas minn Lm1,000.00(elf lira Maltin) ghad-dannu tal-korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin u valur;

2. U aktar tali ghamel hsara jew kiser parti minn meter tal-elettriku jew is-sigilli tieghu, jew xi parti minn xi apparat jew is-sigilli taghhom jew gumni uzati fil-provvista tal-elettriku jew is-sigilli taghhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji ;

Rat ukoll li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghal proceduri sommarji;

Rat ukoll il-provi kollha prodotti – ghalhekk jirrizulta li meta nstab il-meter tad-dawl mertu ta' din il-kawza, dan instab maqlugh minn mal-blokk ta' l-injama li kien imwahhal fuqha, imdendel in arja rasu 'l isfel bil-wire. Ta' dan wiehed jista' jara r-ritratti ezebiti fl-inkjesta mar-relazzjoni ta' Mario Buttigieg. Fil-fatt dan xehdu anke impjegat tal-Korporazzjoni Mario Cassar. Fil-fatt viva voce dan Cassar xehed illi ghalkemm il-kurrent kien ghadu ghaddej ma kienx qieghed jigi registrat konsum.

Skond Ivan Vella ukoll rapprezentant tal-Korporazzjoni, xehed li l-istima ta' konsum bejn is-17 ta' Frar, 2003 u d-29 ta' Novembru, 2003 jammonta ghal Lm81.34, dan bhala konsum mhux registrat (vide folio 18 ezebit minn Ivan Vella).

Anthony Mallia moghti d-debita caution ghazel li jiddeponi fl-inkjesta. Qal li kien joqghod fil-fond in kwistjoni u li l-kontijiet tad-dawl u ilma kienu fuq ismu. Innega li hu qatt mess il-meter tad-dawl. Fil-kumplament kif kien drittu ghazel li ma wegibx ghall-ebda domanda.

Issa l-Artikolu 264(2) tal-Kapitolu 9 jitfa’ fuq l-akkuzat l-onu tal-prova, iuris tatum dwar is-serq u l-hsara allegata. Ghalhekk kien jispetta lil Anthony Mallia li juri li hu ma kienx responsabbli ghar-reati lilu addebitati. Dan Mallia ma ghamlux, anzi mis-sena 2005, precizament mill-15 ta’ Gunju ‘l hemm, inghalqu l-provi tal-Prosekuzzjoni u Mallia baqa’ ma ressaq ebda provi in difesa. Illu fil-fatt l-imputat ma wera ebda herqa ghal dan tant li din il-Qorti ddecidiet li tghaddi ghas-sentenza.

Illi din il-Qorti hija konvinta mill-htija ta’ l-akkuzat fil-konfront ta’ l-akkuza ta’ serq u dan wara li rat l-Artikolu 18, 261, 263, 264, 270, 279, 278, 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, rat il-fedina penali tieghu, u qieghda tikkundannah ghal sena(1) habs sospiza ghal sentejn(2) wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Rat ukoll l-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tordna li jhallas lill-Korporazzjoni s-somma ta’ €189.52, u dan fi zmien tlitt(3) xhur mill-lum.

Rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ihallas l-ispejjez peritali nkorsi fl-ammont ta’ Lm64.80, ekwivalenti ghal €150.98

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------